ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 16/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 18 ta’ Ġunju, 2020

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Kirkop iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fl-16:55hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Assenti b’apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Cody Galea li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 14

16.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 14 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 15 (B'Urġenza)

16.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 15 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva Nru. 3/2020 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Revoka tad-Direttiva 2/2020 – Corona Virus'.

16.4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Direttur kien irringrazzja lis-Sindki, lill-Kunsilliera, lis-Segretarji Eżekuttivi u l-istaff tal-Kunsilli Lokali għax-xogħol li komplew iwettqu fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija biex is-servizz lir-residenti baqa' jingħata.

16.4.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li, ma' din id-Direttiva, il-Kunsill irċieva kwestjonarju biex issir analiżi ta' kif kienet l-esperjenza tal-Kunsill f'dawn l-aħħar xhur meta l-laqgħat kienu qed isiru *online*.

16.4.1.3 Il-Kunsilliera taw l-opinjoni tagħhom biex dan il-kwestjonarju ġie mwieġeb u intbgħat lid-Dipartiment.

16.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-sistema tal-*live streaming* u s-sistema *on-demand* tal-laqgħat tal-Kunsill.

16.4.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn naħa tad-Dipartiment qegħdin jistaqsu f'hiex wasal ix-xogħol biex is-sistema tal-*live streaming* tiżdied bl-*on-demand*.

16.4.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għalissa ma jħossux li għandu jsir l-*on demand*. Dan għall-fatt li l-Kunsill m'għandux flus ivvutati għall-*on demand* u jħoss li dan m'huwiex ta' bżonn. Hemm ħafna aktar affarijiet li huma bżonnjużi għar-residenti tal-lokalità.

16.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li t-talba li kienet saret lir-Reġjun Nofsinhar, biex il-fond ta' €18,000 jingħata għal tisbiħ fl-*area* quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill u l-Iskola Primarja, kienet ġiet milqugħa.

16.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jinġabru stimi għal bankijiet, bins, ħadid bl-injam għat-taraġ u r-rampi tal-iskola, u *barriers* li jinkludu post għar-reklami.

16.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* rigward tapiti għall-uffiċini tal-Kunsilli li jsiru bl-emblema tal-Kunsill.

16.4.4.1 Is-Sindku qal li jħossu skomdu jimsaħ saqajh fl-emblema tal-Kunsill għax jaraha bħala disprezz.

16.4.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-*email* u qablu li ma ssirx ordni għal dawn it-tapiti.

16.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minn naħa tal-FTZD jixtiequ li l-Ġnien f'Misraħ iż-Żerniq issirlu manutenzjoni u jingħata *upgrade*.

16.4.5.1 Apparti hekk l-FTZD lesti li jibdlu l-*bollards* tad-dawl u ser jagħmlu wkoll xi *playing equipment*. Ser jirranġaw ukoll id-*decking* li hemm miksur.

16.4.5.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien talab għal kwotazzjonijiet biex ikollna idea ta' xi *playing equipment* li jista' jiġi installat fl-*area* u idea ta' prezzijiet. Hu ressaq dawn il-kwotazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

16.4.5.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li l-Kunsill jitlob biex tinxtara *see-saw*. Għaldaqstant, is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-FTZD biex jinfurmahom li l-Kunsill qabel li ssir *see-saw*.

16.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand il-Malta Libraries dwar is-sistema li ser tkun qed tiġi adottata meta jerġgħu jinfetħu l-librerji għall-pubbliku.

16.4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet talbet lil-librara biex tara li jkollha kollox kif mitlub minn naħa tad-Dipartiment.

16.4.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-librara qablet mal-proposti u għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jgħaddi l-affarijiet sanitarji lilha biex tkun tista' tipprepara malli dawn jaslulna mid-Dipartiment.

16.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, minuta 14.4.1.2, il-Kunsill kien talab appuntament mal-Onor. Silvio Parnis biex jiġi diskuss *night shelter* f'Ħal Kirkop.

16.4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva xi dati għall-appuntament iżda mhux il-Kunsilliera kollha jistgħu fil-ħin mibgħut.

16.4.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet talbet appuntament ieħor u kienet ser tikkomunikah tramite l-*email* malli dan jaslilha.

16.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Comite de Jumelage Rousset fejn infurmaw lill-Kunsill li huma jinsabu ħerqana li issa li l-affarijiet sejrin lura għan-normal, iż-żewġ Kunsilli ser ikunu jistgħu jiltaqgħu biex ikomplu jiddiskutu l-ġemellaġġ bejn dawn iż-żewġ komunitajiet.

16.4.8.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kif konna tkellimna qabel, hemm bżonn li jiġi maħtur kumitat ta' nies biex jaħdem fuq dan il-ġemellaġġ. Il-Kunsilliera ppropонew u qablu dwar ħames persuni li għandhom jiffurmaw is-Sotto Kumitat Ġemellaġġ Rousset. Dawn ser jiġu kkuntattjati biex naraw jekk hux interessati u wara jiġu approvati.

16.4.8.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-Comite de Jumelage Rousset li l-Kunsill qed jiddiskuti biex inkunu nistgħu inressqu proposti ġodda.

16.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Faces rigward l-applikazzjonijiet għal *bus shelters*, li kienu saru mill-Kunsill.

16.4.9.1 Is-Sindku qal li l-*bus stops* ta' Triq il-Lewżiet tista' ssirilhom *bus shelter* iżda hemm xi problemi fir-rigward tal-*bus shelters* fi Triq Ħal Safi, Triq l-Industrija u Triq San Ġwann.

16.4.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ninfurmawhom li l-Kunsill ser ikun qed jistenna l-istudju fuq il-kumplament biex jaraw l-impatt globali li dawn il-*bus shelters* ser iħallu fuq il-parkeġġ u t-traffiku fil-lokalità.

16.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu talba biex issir *communal reserved parking bay* fi Triq San Pietru, quddiem garaxx fl-istess triq, liema garaxx ma jintużax għall-karozzi u l-propjetarju lest jagħti permess biex din issir quddiem il-garaxx.

16.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li nitolbu lil Transport Malta approvazzjoni biex din issir.

16.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu ħafna ilmenti mir-residenti dwar ħmieġ ħdejn il-*bring-in sites* fi Triq il-Barrieri. Hu qal li kien hemm ħafna tgergir għax qed ikun hemm ħafna ħmieġ madwarhom.

16.4.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u bdew jaħsbu f'post alternattiv fejn dawn jistgħu jitpoġġew. Il-Kunsilliera qablu li l-*bring-in sites* jitpoġġew fi Triq ir-Ramlija. Ser isir post eżatt għalihom biex ma jkollnix problemi.

16.4.11.2 Is-Sindku ser ikun qed jitkellem mal-Cleansing Department biex isiru s-CCTVs u jiġu mmoniterjati minn naħa tagħhom. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qed jirranġaw il-post fejn ser jitpoġġew.

16.4.11.3 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-GreenPak li l-Kunsill sab post alternattiv għal dawn il-*bring-in sites* u għaldaqstant jista' jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex dawn isiru. Il-Kunsill irid ukoll li jsiru is-CCTVs biex din l-*area* tkun sorveljata.

16.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp għal *housing* soċjali.

16.4.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-permess u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob appuntament mal-Onor. Roderick Galdes biex jiddiskutu aħjar dan is-suġġett.

## 16.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

16.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu u l-Kunsillier Cody Galea kienu ltaqgħu ma' rappreżentant tal-Ministeru tat-Turiżmu rigward tisbiħ f'diversi *areas* f'Ħal Kirkop wara li kien sar kuntatt mir-Reġjun Nofsinhar.

16.5.1.1 Il-Viċi Sindku qal li huma urewh Triq Danny Cremona u Triq San Remiġ, il-bidu ta' Triq ir-Ramlija u l-*observation area* tal-ajruplani fi Triq l-Industrija. Hu qal li huma ser jgħinuna f'tisbieħ bi pjanti f'dawn l-*areas*.

16.5.1.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel *reminder* lill-Perit dwar il-pjanti għal tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani. Malli din tkun lesta għandha tgħaddi għall-attenzjoni tal-Kunsill biex wara tintbgħat lid-Direttur inkarigat mill-*embellishment* fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu.

16.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li t-tappiera tad-drenaġġ ta' Triq il-Karwija għada kif kienet għalkemm il-Kunsill kien bagħat jinforma lill-WSC biex din tinqala' mill-qiegħ u tinbena mill-ġdid.

16.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jitkellem ma persuna inkarigata mill-Water Services Corporation dwar dan.

16.5.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li x-xogħol fil-*boardroom* u fl-*upgrade* tal-uffiċini tal-Kunsill kien miexi ġmielu. Hu qal li kienet ġietu idea biex fil-*boardroom* jeħlu r-ritratti tal-leġislaturi kollha tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

16.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu mal-Kunsillier Cassar għaliex tkun ħaġa sabiħa li jkun hemm tifkira bħal din fil-*boardroom*.

16.5.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien hemm problema fuq il-bankina quddiem il-grada tal-iskola fi Triq San Benedittu. Hu qal li l-post li qed jinbena kien ressaq il-*boundary wall* biex il-bankina tiġi sew u ma jkunux ostakolati residenti oħra.

16.5.4.1 Il-Kunsill għandu jinforma lill-Perit ta' Infrastracture Malta biex jimxu mal-linja li saret apposta biex ma jinħoloq inkonvenjent għal ħadd.

16.5.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa lis-Sindku dwar ir-*roundabout* quddiem il-mina minħabba li x-xogħol ilu mibdi minn qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, li issa ilu sena li għaddiet u tħalla nofs leħja.

16.5.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li vera din tinsab mitluqa u kerha iżda x-xogħol jinsab wieqaf għax qed jistennew li ssir is-sistema tad-drenaġġ u mhux lant li jsir ix-xogħol fir-*roundabout* u jkollu jerġa' jinqala' biex issir it-triq.

16.5.5.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lill-Infrastracture Malta biex max-xogħol li ser isir fuq il-mini u fl-*area* biswit il-mina tiġi inkorporata l-*area* kollha u tiġi *embellished* kif jixraq u jikkumplimenta mad-daħla tar-raħal.

16.5.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-problema li kull talba li ssir lil Transport Malta qed tibqa' pendenti.

16.5.6.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex kull korrispondenza li tintbgħat lil Transport Malta jiġi kkupjat il-Ministru Ian Borg.

16.5.7 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar problemi li qed ikun hemm ħdejn l-*open gym*.

16.5.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-Pulizija biex issir iktar ronda f'din l-akwata.

16.5.8 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:55hrs.

## 16.6 Rapport tal-Ilmenti

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva lment rigward parkeġġ fi Triq Karlu Darmanin biex dan isir *'Parking for Light Vehicles'*, għax jekk jipparkjaw vetturi kbar, jiġi ostakolat l-aċċess tal-garaxx biswit.

16.6.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lil Transport Malta biex tiġi approvata *'Parking for Light Vehicles'* għax l-alternattiva l-oħra hija li jsiru d-*double yellow lines* biex ikun jista' joħroġ mill-garaxx u hekk ikun qed jinħela *parking bay*.

16.6.1.2 Apparti hekk is-Sindku qal li kien hemm problema dwar il-mera li hemm fil-ħruġ minn Triq Karlu Darmanin għal Triq San Pietru.

16.6.1.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din tinbidel u tiġi mkabbra.

16.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm diversi lmenti għax il-karozzi qed jgħaddu mis-*service road* ta' Triq Hal Safi għal Triq Dun Ġużepp Barbara minflok għal Triq San Remiġ.

16.6.2.1 Il-Viċi Sindku qal li setgħu jitwaħħlu *bollards* fix-xifer tas-*service road* billi jitkomplew mas-*central strip* biex jagħmluha diffiċċli li wieħed jikser 'il fuq għal ġo Triq Dun Ġużepp Barbara.

16.6.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu u qalu li dawn għandhom isiru. Apparti hekk għandhom jeħlu wkoll *bollards* fuq il-linja dritta biex minn Triq Tal-Fieres jiksru għal Triq Dun Ġużepp Barbara.

16.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 16.7 Vakanza għall-Ġardinar – Skala 16

16.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li sa nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2020, id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, il-Kunsill ma kien irċieva ebda applikazzjoni.

16.7.2 Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lil Jobs Plus dwar dan biex din il-vakanza toħroġ għal dawk il-persuni li jinsabu fuq ir-reġistru biex ikunu jistgħu japplikaw.

16.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn naħa tal-Jobs Plus kienu nfurmaw lill-Kunsill li ma kien hemm ħadd fuq ir-reġistru li kien qed jirreġistra għal Ġardinar u għaldaqstant taw il-permess tagħhom biex din il-vakanza tkun tista' toħroġ pubblika.

16.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien inħareġ l-avviż fuq *facebook* u kien hemm ammont kbir ta' persuni li wrew interess f'din l-applikazzjoni. L-

avviż kien jitlob li kull min huwa interessat kellu jibgħat *curriculum vitae* sa nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020.

16.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm bdiet il-laqgħa, il-Kunsill kien irċieva 5 applikazzjonijiet. Malli tagħlaq din l-applikazzjoni ser ikunu qed isiru l-intervisti biex timtela' din il-vakanza.

16.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsilliera biex jagħtuha data għall-intervisti.

## 16.8 Skema 2 – Manutenzjoni fil-komun tal-appartamenti tal-Housing

16.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet il-parir tal-Avukat dwar il-pass li jmiss wara li l-Awtorità tad-Djar ma kinetx bagħtet risposta għall-ittra mibgħuta mill-Avukat.

16.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Awtorità tad-Djar kienet bagħtet ittra lir-residenti fejn infurmathom li kien hemm żball minn naħa tagħhom u minħabba li l-appartamenti kienu mibjugħa dawn ma setgħux jipparteċipaw f'din l-iskema.

16.8.3 Għaldaqstant jidher ċar li għalkemm il-Kunsill xtaq jgħin lil dawn ir-residenti, il-parir legali huwa ċar li ma hemmx bażi fuq xhiex dan il-każ jintrebaħ. Il-Kunsill jikkonsidra li l-ittra mibgħuta mill-Awtorità tad-Djar lir-residenti hija finali u dan il-każ huwa magħluq.

## 16.9 Laqgħa mar-rappreżentanti tal-Front Save l-Għadir

16.9.1 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier John Luke Cassar jagħti informazzjoni dwar din il-laqgħa peress li hu ma kienx preżenti.

16.9.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu flimkien mal-Kunsillier Cody Galea u mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Front Save l-Għadir, nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2020. Hu qal li l-Viċi Sindku Joseph Schembri kien ser jattendi iżda minħabba raġunijiet li ma kellux kontroll fuqhom kien indispost fl-aħħar ħin.

16.9.3 Is-Sindku Terence Agius qal li hu ma ħassx li għandu jkun parti minn din il-laqgħa. Hu qal li hu kontra kull żvilupp li jintalab biex isir f'ODZ. Iżda hu ma jħossx li kellu jiltaqa' ma' Front Save l-Għadir għax hu ma ntalabx l-opinjoni tiegħu minn għandhom qabel ma nħarġet l-istqarrija, u dan għamlu b'mod ta' protesta.

16.9.4 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li hu jaqbel mal-għan prinċipali tagħhom u jibqa' jgħid li hu jibqa' ma jaqbilx ma kull bini li jista' jintalab biex isir fl-ODZ.

16.9.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li r-rappreżentanti ta' Front Save l-Għadir spjegaw kif ġraw il-fatti tal-applikazzjoni u l-oġġezzjoni. Hu kompla jgħid li huma qalu li jinsabu sodisfatti bl-ammont ta' persuni li ingħaqdu biex joġġezzjonaw dwar dan l-iżvilupp, liema konkorrenza saret ukoll fi żmien relattivament qasir. Huma jaraw li jinħass il-bżonn li l-Kunsill jara t-titli tal-art tal-*area* kollha (eż. jekk l-art hux tal-Gvern, tal-privat, etċ) biex wieħed jara kif tista' tissaħħaħ li din l-art bl-ebda mod ma tiġi mittifsa.

16.9.6 Il-Kunsillier Cassar qal li r-rappreżentanti tal-Front qalu li l-Kunsilli ħarġu bl-unuri f'din il-ġlieda għax ingħaqdu flimkien biex, għalkemm huma Kunsilli differenti u kulħadd għandu l-identità differenti tiegħu, ħadmu flimkien biex jiġi protett il-wirt ambjentali ta' din l-akwata.

16.9.7 Il-Kunsillier Cassar qal li r-rappreżentanti tal-Front issuġġerew li l-Kunsilli jagħmlu Kumitat, fejn ikun hemm rappreżentanza mill-Kunsilli kollha ta' wara l-mina, jew inkella bħala Reġjun. F'dan il-Kumitat huwa importanti li jkun hemm ukoll esperti f'dan il-qasam biex jinżamm inventarju tas-siġar, etċ u l-wirt rurali jinżamm mingħajr mittifes.

16.9.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li r-rappreżentanti ta' Front Save l-Għadir ser ikunu qed jippreparaw rapport wara li jkunu ltaqgħu mal-Kunsill Lokali kollha ta' wara l-mina u jgħadduh lill-Kunsill.

16.9.9 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu mal-kuntest kollu ta' din il-laqgħa u qablu wkoll li huma lesti li jaħdmu flimkien biex l-ambjent naturali li jdawwar il-lokalità ta' Ħal Kirkop jinżamm intatt kemm jista' jkun.

## 16.10 Sistema ta' Hlasijiet bl-EPOS

16.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kellha diskussjonijiet mal-Bank of Valletta plc biex il-Kunsilli jdaħħlu s-sistema ta' ħlasijiet bl-EPOS.

16.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu unanimament li l-Kunsill kellu jkollu din is-sistema u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex timla' l-formoli meħtieġa.

16.10.3 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika mal-Bank of Valletta plc biex ikollu EPOS machine, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

16.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li mill-1 ta' Settembru, 2020, il-bank kien ser jibda jagħmel *charge* ta' €1 għal kull ċekk li jinħareġ meta jinqabżu 100 ċekk fis-sena.

16.10.5 Hija qalet li kienu kellmuha mill-bank u qalulha dwar sistemi li ser ikunu qed jiġu addottati u għaldaqstant kienet ser tagħmel appuntament mal-bank biex tara kif il-Kunsill ikollu aċċess biex il-pagamenti tal-kredituri jibdew isiru *online*.

16.10.6 Għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel *upgrade* tas-sistema biex il-pagamenti jinħadmu *online*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

16.10.7 Apparti hekk il-Kunsill sa issa kien għadu bil-problema li l-bank ma jaċċettax muniti għad-depożitu.

16.10.8 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-porblema u qablu li jekk il-bank jibqa' ma jaċċettax muniti l-Kunsill ma jkollux triq oħra għajr li ma jaċċettax ħlas li jinkludi muniti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 16.11 Vann tal-Kunsill

16.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-vann tal-Kunsill kien wasal għall-VRT. Hu qal li l-ħaddiema ħadu l-vann biex jaraw x'tiswijiet għandu bżonn u rriżulta li fih spejjeż ta' 'l fuq minn €1800.

16.11.2 Dan il-prezz huwa għoli ħafna meta tikkonsidra li l-vann huwa antik u għaldaqstant mhux vijabli li jissewwa.

16.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet talbet xi kwotazzjonijiet biex tara xi prezzijiet fis-suq biex jinxtara vann għall-Kunsill.

16.11.4 Hija qalet li mill-istimi miġbura jidher li biex wieħed jixtri vann irid jinħareġ tender.

16.11.5 Il-Kunsilliera ddiskutew l-ispeċifikazzjonijiet għal dan il-vann fejn fost l-oħrajn inħasset il-ħtieġa li dan il-vann ikun mgħammar bit-*tail lift*.

16.11.6 Għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex jinħareġ *tender* biex jinxtara vann għall-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

16.11.7 Fuq l-istess suġġett, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex ix-xogħol tat-*tender* għall-vann tal-Kunsill isir mis-Sur Svetlick Flores, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 16.12 Ftuħ tad-Day Centre mill-1 ta' Lulju

16.12.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġie infurmat li d-Day Centres tal-Anzjani kienu ser jerġgħu jiftħu l-bibien mill-1 ta' Lulju.

16.12.2 Id-Day Centre ta' Hal Kirkop ser jibda jiftaħ nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa u l-anzjani ser jinqasmu fuq darbtejn biex tinżamm id-distanza skont l-ammont ta' nies u skont il-kobor tad-Day Centre.

16.12.3 Is-Sindku Terence Agius qal li apparti hekk il-Kunsill kien irċieva korrispodenza mis-Social Care Standards Authority li kienet qed titlob li l-Kunsill flimkien mal-AACC ikollu liċenzja biex ikun jista' jopera d-Day Centre.

16.12.4 Is-Sindku kompla jgħid li huwa ġie mitlub ikun il-Legal Responsible Person għal din il-liċenzja, flimkien mas-CEO tal-AACC. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa responsabbli biss mill-post u mhux mis-servizz li jingħata u għaldaqstant ma jarax li din l-applikazzjoni tagħmel sens.

16.12.5 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob parir mingħand l-Avukat dwar din l-applikazzjoni.

16.12.6 Apparti hekk kien importanti immens li l-Kunsill jifferma l-kuntratt tad-Day Centre. Dan kien għadu pendenti għall-fatt li l-Kunsill kien qed jistenna risposta mingħand is-Segretarjat tal-Onorevoli Parnis rigward it-trasport pprovdut għall-anzjani li jattendu d-Day Centre.

16.12.7 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tagħmel reminder dwar it-trasport lis-Segretarjat biex dan il-kuntratt ikun jista' jiġi ffinalizzat.

## 16.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

16.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 103 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

16.13.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 103 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 16.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

16.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju, 2020 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

16.14.3 Il-laqgħa ntemmet fid-21:17hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 10 ta' Lulju, 2020

**Mozzjoni Ref:** 082/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 14.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 083/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 15 (B'Urġenza).

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 084/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 085/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japplika mal-Bank of Valletta plc biex ikollu EPOS machine.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 086/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel *upgrade* tas-sistema biex il-pagamenti jinħadmu *online*.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 087/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jinħareġ *tender* biex jinxtara vann għall-Kunsill.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 088/20/9

**Mozzjoni:**

Biex ix-xogħol tat-*tender* għall-vann tal-Kunsill isir mis-Sur Svetlick Flores.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 089/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 103.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ġunju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**